**29 ta' April, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Azzopardi

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija *et*

**Kjamata fil-Kawża – Responsabbilità ta' l-Istat għal Ksur ta' Impjegat tiegħu**

*Appell minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn ċaħdet it-talba għall-kjamata fil-kawża.*

*Il-prinċipju kostituzzjonali korrett huwa li l-Istat huwa dejjem responsabbli li jara li ebda impjegat tiegħu ma jikkommetti ksur kostituzzjonali u li jagħmel tajjeb lill-vittma għal dak il-ksur. Imma dan ma jfissirx b'ebda mod illi allura l-persuna fiżika li tkun attwalment ikkommettiet il-ksur, hija meħlusa minn kull responsabbilità kemm fil-konfront ta' l-Istat, li tiegħu tkun impjegata, jew anke tal-vittma li batiet il-konsegwenzi ta' dak il-ksur.*

*Ġiet għalhekk revokata d-deċiżjoni u ordnata l-kjamata fil-kawża.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Ir-rikors promotur ta' din il-kawża jinsab diġà ripetut fis-

sentenza parzjali ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju 1985, u għalhekk m'huwiex se jerġa' jiġi rreġistrat hawnhekk. Jingħad biss li r-rikorrent qed jillamenta li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew miksura billi huwa ġie arrestat arbitrarjament u soġġett għal trattament inuman u degradanti; u dan mill-10 ta' Ottubru 1984, sa l-għada, 11 ta' Ottubru, 1984;

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-30 ta' Mejju, 1989, deher l-avukat Anthony Borg Barthet, dak iż-żmien Assistent għall-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, u wara li assoċja ruħu fil-patroċinju tal-Kummissarju tal-Pulizija, ippreżenta rikors fejn espona illi:

(a) Il-Kummissarju tal-Pulizija, fil-kawża, kien qiegħed jirrappreżenta d-Dipartiment tal-Pulizija;

(b) Illi meta ġraw il-fatti lamentati f'Ottubru 1984, il-Kummissarju tal-Pulizija kien dottor Lawrence Pullicino, waqt li issa, jiġifieri fl-1989, il-Kummissarju tal-Pulizija huwa Alfred Calleja, u għalhekk:

''Illi r-rikorrenti Joseph Azzopardi qed jaġixxi kontra l-esponenti, in kwantu d-detentur tal-kariga f'dak iż-żmien, jista' jkollu responsabbilità fl-allegazzjonijiet magħmula kontra l-esponent;

Illi inkwantu din ir-responsabbilità tista' tkun naxxenti minn abbuż jew abbandun tal-poter, din ir-responsabbilità tkun personali u mhux tal-kariga jew tad-dipartiment li f'dik il-kariga li l-kap tad-dipartiment ikun qed jirrappreżenta;

Illi għalhekk Dr. Lawrence Pullicino, inkwantu fiż-żmien in kwistjoni kien jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija, jista' jkollu interess fl-eżitu tar-rikors ta' Joseph Azzopardi'';

talab lill-Qorti biex tordna l-kjamata fil-kawża ta' dottor Pullicino;

Joseph Azzopardi oppona t-talba, għaliex kif propost il-ġudizzju huwa integru u r-relazzjonijiet interni bejn l-intimat u l-predeċessur tiegħu, lilu, ma jinteressawhx;

L-intimat l-ieħor, Suprintendent Joseph Psaila, irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti;

Fit-3 ta' Mejju 1990, dik l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba għall-kjamata in kawża, billi qalet:

''Din il-Qorti, kif presjeduta, hija ben konsapevoli tad-deċiżjoni ''*in parte*'' mogħtija fl-atti tar-rikors kostituzzjonali numru 245/1985 fl-ismijiet ''Carmelo *sive* Charle Buttigieg *vs* Albert Mizzi *ne.*'' fid-9 ta' Ottubru 1989 mill-Qorti Kostituzzjonali u li fiha *inter alia* ġie ritenut illi l-art. 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa tant ġeneriku li f'każ ta' allegazzjoni u proċeduri għal trattament degradanti dawn ''jistgħu japplikaw ukoll għal trattament degradanti ta' persuna ...'' billi ''... ma jistax jiġi eskluż li jkun hemm trattament degradanti da parti ta' persuna, sija fiżika kif ukoll morali''. Illi, dan magħdud, din il-Qorti, kif presjeduta, jidhrilha li l-azzjoni ta' indole kostituzzjonali għandha tkun u tista' tkun biss rivolta kontra l-Istat jew, naturalment kontra l-persuna f'dik il-kariga pubblika u/jew uffiċjali in rappreżentanza tiegħu u dan

f'kull każ. Għalhekk, u dan qed jingħad bl-akbar rispett dovut għal dak illi ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti ma tara ebda fondament ġuridiku fit-talba ta' l-intimat Kummissarju fil-kawża in diżamina. Barra minn dan però, u f'kull każ, mill-fattispecie stess ta' dak li qed jiġi allegat fir-rikors promotur u *mix-xhieda prodotta* sa issa mill-istess rikorrenti, għandu jirriżulta b'mod evidenti, li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, fiż-żmien in kwistjoni, Dottor Lawrence Pullicino, ġie mħarrek mhux fil-kwalità personali tiegħu u bħala individwu kwalsiasi **imma** bħala l-bniedem okkupanti dakinhar il-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija u li llum għaddiet fuq persuna oħra. Kull relazzjoni interna għalhekk bejn il-Kummissarju preċedenti u dak attwali hija estraneja għall-proċedura attwali'';

Il-Kummissarju tal-Pulizija appella din id-deċiżjoni, però r-rikors ta' appell tiegħu, tas-7 ta' Mejju, 1990, intilef, wara li ġie ppreżentat fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati u allura dan l-appell beda biex jiġi ttrattat wara li l-Qorti assikurat ruħha li effettivament, skond in-notament ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, ir-rikors ta' appell kien ġie ppreżentat fis-7 ta' Mejju, 1990;

*L-appell jissottometti illi:*

(a) il-kjamata in kawża ma sservix biss biex jintegra ġudizzju imma wkoll sabiex persuna li tista' tkun responsabbli għall-fatti in kawża, imma li ma tkunx parti fl-istess kawża, tiġi mdaħħla fiha biex il-ġudizzju jkun jorbot lilha wkoll, u b'hekk jiġi salvagwardat il-prinċipju ta' l-ekonomija fil-ġudizzji, billi ma jkunx hemm bżonn li ssir kawża oħra kontra dik il-persuna, li ma tkunx parti fl-ewwel kawża;

(b) illi dak li hemm allegat mir-rikorrent iwassal direttament għar-responsabbilità personali ta' Dr. Pullicino;

L-istitut proċedurali tal-kjamata in kawża ta' persuna li oriġinarjament ma tkunx parti in kawża – kontemplat fl-artikoli 961 u 962 tal-Kap. 12, – jaqdi **diversi** skopijiet. Iservi, per eżempju, biex jintegra ġudizzju fejn ma jkunux ġew konvenuti l-persuni kollha li għandhom, jew hemm bżonn li jkunu, eventwalment marbutin bil-ġudizzju, konvenuti addizzjonali, u b'hekk jinġabru, il-konvenuti kollha meħtieġa għall-vertenza, u tiġi evitata n-neċessità li kontra l-konvenut li oriġinarjament ikun tħalla barra, ikollha terġa' tiġi proposta kontra tiegħu, kawża oħra, identika għal dik li fiha huwa ma kienx parti; u li lilu ma torbtux – artikolu 237, Kap. 12. Iservi, biex min ikun konvenut f'kawża u jkollu bżonn persuna oħra biex tiddefendih – kif, per eżempju, jikkontempla speċifikatament l-artikolu 1553 tal-Kodiċi Ċivili. Iservi, biex meta konvenut, imsejjaħ biex jirrispondi għad-danni kkawżati minn reat, isejjaħ fil-kawża persuna oħra li kienet kompliċi miegħu fil-kummissjoni tar-reat u li allura, għandha taqsam miegħu r-responsabbilità għad-danni;

Dawn, u eżempji simili, huma kollha bbażati fuq l-esiġenzi tar-raġunijiet prattiċi tal-proċedura ġudizzjarja;

M'hemmx dubju li fil-każ preżenti, jekk id-Dipartiment tal-Pulizija, jidhirlu li għal dak li huwa jrid jirrispondi, skond il-Kostituzzjoni, għal-leżjoni jew leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kif minnu allegati, kien direttament responsabbli xi impjegat tad-dipartiment, l-istess dipartiment, l-istess dipartiment għandu kull dritt li jsejjaħ fil-kawża lil dak

l-impjegat, biex jiddefendi l-operat tiegħu. Dan iservi kemm għad-difiża ta' l-istess dipartiment – kif ukoll – ta' l-impjegat;

Fid-deċiżjoni kkwotata jingħad: –

"... din il-Qorti, kif presjeduta, jidhrilha li l-azzjoni ta' indole kostituzzjonali għandha tkun u tista' tkun biss *rivolta* kontra l-Istat **jew, naturalment kontra l-persuna f'dik il-kariga pubblika** u/jew uffiċjali in rappreżentanza tiegħu u dan f'kull każ. Għalhekk, u dan qed jingħad bl-akbar rispett dovut għal dak illi ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti ma tara ebda *fondament* ġuridiku fit-talba ta' l-intimat Kummissarju fil-kawża in diżamina";

B'kull rigward għall-ewwel Qorti, m'huwiex ċar xi tfisser il-frażi:

"*jew naturalment kontra l-persuna f'dik il-kariga pubblika*";

Jekk l-ewwel Qorti qiegħda tgħid illi l-azzjoni kostituzzjonali tista' tiġi proposta kontra l-Istat **biss** ma jidhirx x'tista' tfisser il-frażi kkwotata, inkwantu, ma huwa naturali xejn li l-azzjoni tista' ssir kontra l-Istat **jew** kontra l-persuna f'dik il-kariga pubblika – għaliex dan jimplika li l-azzjonijiet huma tnejn – waħda kontra l-Istat u oħra kontra l-persuna li għandha kariga pubblika. M'huwiex lanqas indikat x'inhi "**f'dik**" il-kariga pubblika, billi ebda kariga pubblika ma hija ndikata fil-parti preċedenti tad-deċiżjoni. Jekk *id-deċiżjoni tirritjeni* li l-azzjoni kostituzzjonali tista' ssir kontra persuna morali biss, kull persuna fiżika li tkun intimata u parti f'azzjoni simili trid **dejjem**, tkun

hemm, **f'kapaċità rappreżentattiva biss,** mentri l-frażi kkwotata tikkontempla persuna fiżika li għandha kariga pubblika, li ma timplikax, bilfors, kapaċità ta' rappreżentanza ġudizzjarja;

Għalhekk din il-Qorti ma tistax taċċetta din il-motivazzjoni fid-deċiżjoni appellata;

Apparti minn dan però, l-ewwel Onorabbli Qorti ma tistax, f'dak li jirrigwarda l-kamp proċedurali, jiġifieri fuq min jista' jkun parti f'kawża kostituzzjonali, tmur kontra dak li din il-Qorti, f'aktar minn deċiżjoni waħda, iddikjarat li, fil-każijiet kongruwi, mhux biss l-Istat imma persuni oħra kemm fiżiċi u kemm morali, jistgħu jkunu konvenuti biex jirrispondu għall-allegazzjonijiet ta' leżjonijiet li telenka l-Kostituzzjoni fl-artikoli 32 sa 45. Id-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti, li huma rilevanti, in materja, barra dik imsemmija fid-deċiżjoni appellata, huma:

(a) 11/2/1991 – L-Onorabbli Joseph Debono Grech *vs* Albert Mizzi *et. ne. et.*, u **speċjalment,**

(b) 12/4/1991 – Carmelo *sive* Charles Buttigieg *vs* Albert Mizzi *ne;*

Il-posizzjoni rigward id-diversi responsabbilitajiet li jitwieldu f'każijiet bħal dawk tal-preżenti, meta l-materji in kawża huma l-arrest illegali jew trattament inuman, ġiet diġà eżaminata minn din il-Qorti fil-kawża Tonio Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et.* tal-5 ta' April, 1991, u dak li hemm f'dik is-sentenza, huwa biżżejjed għall-iskopijiet ta' din il-preżenti sentenza u għalhekk għandha ssir id-debita riferenza;

Id-deċiżjoni appellata laqgħet l-opposizzjoni tar-rikorrent għat-talba tal-kjamata in kawża, da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan segwa bir-risposta tiegħu għal dan l-appell billi qal:

''Illi l-kwistjoni rinvangata mill-appellant ġa ġiet determinata bl-aktar mod awtorevoli fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' Marzu, 1990, fil-kawża ''Frank Mifsud *vs* Kummissarju tal-Pulizija'';

Anki hawn, sfortunatament, il-Qorti jkollha tinnota (a) illi f'din is-sentenza m'hemm xejn fuq il-kwistjoni tal-kjamata in kawża, li hija proprjament **il-kwistjoni** f'dan l-appell, u, (b) jekk il-''kwistjoni rinvangata'' tirriferixxi għall-**motivazzjoni** li tat l-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha – dik ċjoè li tirrigwarda l-azzjoni kostitzzjonali kontra l-persuni morali (barra l-Istat) u l-persuni fiżiċi; allura dak li hemm fis-sentenza Frank Mifsud *vs* Kummissarju tal-Pulizija huwa risposta għall-proposizzjoni fallaċi illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien issottometta f'dak l-appell. Din is-sottomissjoni kienet illi billi l-Kummissarju huwa inkarigat mill-Istat biex jaġixxi skond il-liġi, kull meta jirriżulta li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali – dan għandu jirrispondi għalihom **biss** min ikkommettihom u mhux id-dipartiment. Mentri l-prinċipju kostituzzjonali korrett huwa li l-Istat huwa dejjem responsabbli li jara li ebda impjegat tiegħu ma jikkommetti ksur kostituzzjonali u li jagħmel tajjeb, lill-vittima, għal dak il-ksur. Imma dan ma jfissirx b'ebda mod illi allura, il-persuna fiżika li tkun attwalment ikkommettiet il-ksur, hija meħlusa minn kull responsabbilità kemm fil-konfront ta' l-Istat, li tiegħu tkun impjegata, jew, anki, tal-vittima, li batiet il-konsegwenzi ta' dak il-ksur;

Din l-enunċjazzjoni tal-posizzjoni ġuridika hija skond il-prinċipju ġenerali tad-dritt kif konkordati mal-prinċipji tal-proċeduri kostituzzjonali li evolvew matul das-seklu;

*Del resto*, il-Qorti ma tistax ma tosservax l-inkonsistenza impliċita fil-kondotta tar-rikorrenti, illi filwaqt li fir-risposta jirreferi b'approvazzjoni għas-sentenza Frank Mifsud *vs* Kummissarju tal-Pulizija rigward "il-kwistjoni rinvangata" li kif intqal, tfisser l-uniċità ta' l-azzjoni kontra l-Istat, huwa stess, fil-preżenti proċedura, ma ħarrikx biss lill-Istat, tramite d-Dipartiment tal-Pulizija kif rappreżentat mill-Kummissarju, imma **wkoll** lill-Ispettur Joseph Psaila, li ċertament huwa intimat f'vesti personali, u żgur, mhux f'vesti rappreżentattiva. Huma numerużi r-rikorsi kostituzzjonali promossi mhux biss kontra l-Istat, jew xi dikasteru tiegħu, imma wkoll kontra dawk il-persuni fiżiċi li jiġu indikati bħala l-veri esekuturi tal-leżjonijiet tad-drittijiet u libertajiet fundamentali;

Għaldaqstant l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija qed jiġi milqugħ, id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti tat-3 ta' Mejju, 1990, qed tiġi revokata, u l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex dik il-Qorti tordna l-kjamata in kawża ta' dottor Lawrence Pullicino, kif mitluba, u wara tkompli tittratta r-rikors u tiddeċidih, kif trid il-liġi;

L-ispejjeż ta' l-inċident, fiż-żewġ istanzi għandu jbatihom kollha r-rikorrent.